KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 17**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru, 2020 fis-6.00p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Carmen Borg – Kunsillier
Louise Portelli – Kunsillier
Cynthia Tommasuolo – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**17.01 ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

17.01.01 Jurgen Carl Grixti - Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**17.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

17.02.01 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 16 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**17.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

17.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li t-tabelli biex ma jagħdux vetturi kbar fi' triq Santa marija twaħlu

17.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li dwar il-kwistjoni ta' slow streets intbghatet l-applikazzjoni.

17.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li l-kameras tas-sigurta fiz-zona ta' Triq Ħal Qormi lesti u qed jaħdmu bla problemi.

17.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li rigward Jum Il-Ħamrun għandu jingħata Ġieħ il-Ħamrun. Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata qalb San Gorg Preca u flok ċerimonja, dan jingħata waqt laqgħa tal-kunsill.

17.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** qal li qed jinġabru stimi biex tinxtara il-vettura u qed niehdu parir ta' 'Mechanic'

17.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa kunsill li intbgħat survey minħabba iskips ta' r-Rabbat u għalissa qed nirċievu risposti. **Il-Kunsillier Vince Bonello** reġa rimarka li huwa xettiku minħabba l-anzjani taż-żona.

17.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li qed issir iktar ħidma fuq it-tender tal-knis għal-lokal. Huwa issuġerixxa li jkun hemm 5 kennissa kuljum maqsuma fuq 12 il-siegħa. It-tindif ikun jinkludi iż-żoni l-miftuħa kif ukoll il-bins kollha tal-lokal. Huwa qal li dan jinkludi li Triq il-Kbira u triq Kappillan Mifsud flimkien ma side streets tagħom issiru il-Ħadd ukoll.

17.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li reġa sar kuntatti ma' l-awtoritajiet minħabba l-infurzar. Il-kunsill qabel unanimament li l-affarijiet qed imorru għal-aħjar iżda fl-istess waqt huwa importanti li dan l-infurzar jibqa jsir.

17.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa l-kunsill l-applikazzjoni biex triq Lord Byron issir One Way ġiet aċettata. Huwa informa lil kunsill li twaħlu tabelli u saru is-sinjali. **Il-Kunsillier Vince Bonello** issuġerixxa li jkun hemm gwardjan biex jideriġi it-traffiku. Kunsill qabel li jagħmel talba.

17.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li sa jitwaħlu 4 bozzoz fi' triq Kanonku Gorg Bonello

17.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li s-sistema ta' irrigazzjoni ma' triq Guże Pace tlestiet u fadal biss jitwaħlu 20 pjanta.

17.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li beda ix-xogħol biex jitwaħlu fanali fi' Pjazza 7 ta' Ġunju. Huwa issuġerizza li jekk il-fanali antiki ma jinstabx użu għalijom, dawn jiġu offruti lil għaqdiet. Kunsill Qabel unanimament.

17.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li kellna ħafna ilmenti fuq ġbir ta' Ħġieġ. Huwa irrimarka li qadt ma kien hemm konsultazzjoni u li ġejna infurmati biss x'ħa jiġri. Huwa qal li wara li nqalaw xi problemi, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali talbuna nużaw il-kuntrattur tal-kunsill u huma jħalsuna ta' l-ispejjeż.

17.03.14 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li fl-okażżjoni ta' 350 sena li San Geatanu ġie iddikjarat qaddis, ġie propost li jsir innu ta' l-okkażżjoni. Il-Kunsill qabel li il-kliem jinkiteb min Anselmo Sciberra u l-Mużika min Maestro Ray Sciberras. Huwa issuġerixxa li issir CD li jkun fija l-innijiet Ħamruniża. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.03.15 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li hemm possibilta li l-kunsill jireklama is-serivizzi tiegħu fil-VIctor Tedesco Stadium. Il-Kunsil lqabel li jagħmel wieħed ta €2500.

17.03.16 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li r-restawr ta' l-Istatwa ta' San Geatano fi' triq il-Kbira saret. Huwa issuġerixxa li issir restawr fuq L-Istatwa ta' San Antnin fi Sqaq San Antnin u l-ispiċċċ tiġi madwar €2500. Il-Kunsill qabel unanimament.

07.03.17 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li rċevejna talba biex nisomettu lista ta' nies Homebound minhabba t-tilqima ta' l-influwenza. Il-Kunsill qabel li nistennew iktar informazzjoni qabel nibgħatu ittra.

17.03.18 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa ninominaw is-Sur Charles Tonna u is-Sur Joe Cordina għal Anzjan Attiv tas-Sena. Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.04 Paviment triq il-Kapillan Mifsud**

17.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li beda ix-xogħol filwaqt li qed nitkellmu ma ta' s-servizzi biex nagħmlu culvert u nagħduwom flimkien. Huwa issuġerixxa li jsiru 3 crossings li jiswew €7000 il-wieħed filwaqt li hemm qbil mal-kuntrattur li jaħdem biċċa, biċċa biex ma nkunux ta' inkonvenjent. Il-Kunsill qabel unanimament

17.04.02 **Is-Sindku Christian Sammut** irrimarka li triq Vincenzo Buġeja waslet biex tkun lesta, u issa kważi inqata it-trab. **Il-Kunsillier Vincent Bonello** qal li hemm min saqsiħ jekk it-triq idejqitx iżda huwa tkellem ma xi' persuni ta' Infrastructure Malta u qalulu li mhux il-każ iżda dawn għandhom jibghatu il-perit biex jikonferma.

**17.05 Festival ta' ċ-Ċikkulata**

17.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li din l-attivita ma ssirx minħabba iċ-ċirkustanzi preżenti. Il-Kunsill qabel unanimament

**17.06 Kumpanija tal-Ħalib**

17.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** rimarka li wara il-laqgħa ma' r-residenti saret ikoll laqgħa ma' s-Sur XXXXX CEO tal-Kumanija tal-Ħalib. Huwa qal li kienet laqgħakordjali ħafna u hargu diversi punti.

- Dwar il-probema ta' riħa tinten ittiħdet azzjoni u anki min xi feedback ta' residenti jhider li il-problema ġiet solvuta.
- Dwar storbju li qed ikun hemm min Generator matul il-lejl, qalilna li ma kienx jaf bija. Huwa informana li sa jkun qed jiċekja u jieħu azzjoni.
- Dwar ilmenti ta' xi ħmieġu nsetti, huwa informana li qed jaħdmu ma comtec biex isolvuwa wkoll.
- Dwar il-possibilta ta' rilokazzjoni, huwa qalilna li qed issir ħidma mal gvern biex din iseħħ, huwa qalilna li jixtiequ jagħmlu dan u li l-post immur għal kummunita Ħamruniża.

**17.07 Skeda ta' Hlasijiet**

17.07.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' Ħlasijiet għax-xagħar ta' Awissu, 2020.

**Il-Kunsillier Vincent Bonello** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** issekonda l-mozzjoni.

L-iskeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**17.08 Approvazzjoni Rapport ta' Evalwazzjoni**

17.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda Rapport ta' Evalwazzjoni ta' 'TENDER FOR THE THE RESTORATION OF TOILETS AND SHOWERS AS PART OF THE HAMRUN OLD RAILWAY STATION PROJECT (ERDF05.105) - 2ND RE-ISSUE' with CfT CA Unique ID 'KLH/TDR/01/2019'

**Il-Kunsillier Vincent Bonello** ippropona l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport.

**Il-Kunsillier Carmen Borg** issekondat l-mozzjoni.

Rapport ġie approvati b'mod unanimu

**17.09 Ħwejjeġ Oħra**

17.09.01 **Il-Kunsillier Vince Bonello** issuġerixxa li issir laqgħa mal-Ministru Falzon regward il-proġett soċjali fil-Ħamrun. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.10.01 **Il-Kunsillier Vincent Bonello** saqsa fiex wasal it-trasport għal anzjani. Huwa ġie informat li qed nistenew mil-gvern ċentrali.

17.10.02 **Il-Kunsillier Carmen Borg** irringrazjat li twaħlet il-Bozza fejn it-torri.

17.10.02 **Il-Kunsillier Carmen Borg** irrimarkat li l-magazin ma wasalx fiz-zona ta' ħdejja.

17.10.03 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** saqsa fix waslet l-applikazzjoni tal-Bandli fi' Pjazza San Pawl. Huwa ġie informat li hemm l-applikazzjoni il-Planning

17.10.04 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** irrimarka li qed jistenna kwotazzjoni minhabba l-Mobile App tal-Kunsill huwa qal li sa jkun fija dak kollhu li hu reltat mal-kunsill.

17.10.05 **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** staqsiet għadniex informazzjoni dwar il-Community Police. Hija ġiet informata li għaissa le imma dehlien gradwalment kullimkien.

17.10.6 **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** infurmat li qed taħdem fuq il-Bye Law għal kiri ta' swali u apparat tal-Kunsill.

17.10.07 **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** iformat lil kunsill li qed issir tiswija ta' Strays bl-iskema ta' l-Animal Welfare. **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li jinxtraw xi bowls. Hija qalet li ha tkellem lil fedders u tinformana.

**17.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

17.10.01 Il-laqgħa intemmet fid-9:30p.m, u ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' Ottubru fis-6:00pm

Konfermati, illum, ____________________

____________________
Christian Sammut
Sindku

____________________
Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv